# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 14**

**Rikors numru 203/2010 JRM**

**Wied Bufula Developments Limited (C 26780)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

1. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (appellant) appella minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha laqgħet it-talba tas-soċjeta` Wied Bufula Developments Ltd (appellata) li n-notifika ta' kont tat-13 ta' Ġunju 2001 m'hijiex valida.

2. Il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma spjegati fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad:

> *"Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta illi l-kumpannija attriċi daħlet fuq ftehim ta' xiri-u-bejgħ ta' bicca art ġewwa San Pawl il-Baħar bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-10 ta' Awwissu tal-2000. Fuq dak it-trasferiment ħallset boll ta' ħmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) b'denunzja li ressaq in-nutar pubbliku erbatax-il (14) jum wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt;*
>
> *"Illi minħabba li l-perit imqabbad mid-Dipartiment qies li s-siwi tal-art miksuba mill-kumpannija attriċi kien jaqbeż il-prezz muri fil-kuntratt, kienet inħarġet stima b'Avviż ta' Likwidazzjoni kontra l-kumpannija attriċi ta' ħlas addizzjonali fl-ammont ta' tmintax-il elf, tliet mija ħamsa u sebgħin elf lira Maltin (Lm18,375). Din il-pretensjoni illi ħadet il-forma ta' avviż ta' likwidazzjoni u li ġabet id-data tat-13 ta' Ġunju, 2001 , ġiet notifikata lill-kumpannija attriċi fl-uffiċju reġistrat tagħha f'"Land's End", St. Paul Street, St. Paul's Bay" fl-14 ta' Awwissu, 2001, wara li kienu saru bosta tentattivi li dejjem taw riżultat negattiv;*
>
> *"Illi l-kumpannija attriċi ressqet oġġezzjoni għal dan l-avviż fl-20 ta' Awissu, 2001 . B'riżultat ta' din l-oġġezzjoni, il-Kummissarju mħarrek għamel evalwazzjoni mill-ġdid, iżda ma biddilx fehmtu. Il-kumpannija attriċi ressqet ittra ta' oġġezzjoni oħra li ġġib id-data tal-21 ta' Marzu, 2003 . Id-deċizjoni tal-Kummissarju mħarrek ġiet mgħarrfa lill-kumpannija attriċi permezz ta' Avviż ta' Rifjut li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2003, u li ġie notifikat lill-kumpannija attriċi fil-11 ta' Ottubru, 2003, fl-uffiċju reġistrat tagħha. Skond ir-riferta, in-notifika laqgħetha persuna bl-isem ta' "A Debono" . Il-kumpannija attriċi kellha tletin (30) jum biex tappella minn dik id-deċiżjoni;*
>
> *"Illi l-kumpannija attriċi naqset li tappella, u l-ammont mitlub baqa' ma tħallasx tant illi l-Kummissarju mħarrek bagħat jgħarraf lill-kumpannija attriċi illi fin-nuqqas ta' ħlas fi żmien tletin jum, huwa kien ser jieħu proċeduri legali kontra tagħha. Dik l-ittra (magħrufa bħala Nota ta' Talba għall-Ħlas) li ġġib id-data tad-29 ta' Diċembru, 2003 , ġiet notifikata lill-kumpannija attriċi u wieġbet għaliha b'ittra minn idejn il-konsulent legali tagħha li ġġib id-data tat-2 ta' Frar, 2004 . F'dik l-ittra, il-Kummissarju mħarrek inġibditlu l-attenzjoni illi n-notifika tal-kont fuq il-kumpannija attriċi tħalla f'idejn Anthony Debono, li la huwa azzjonista, direttur, impjegat, u lanqas kellu x'jaqsam mal-kumpannija. Għaldaqstant in-notifika mhix valida fil-liġi;*
>
> *"Illi l-istess avviz reġa' nħareġ fil-5 ta' Jannar, 2005, u saret notifika fl-imsemmi indirizz fis-7 ta' Jannar, 2005, u għal darb'oħra laqa' n-notifika "A. Debono" ;*

*“Illli skond dokument imressaq mill-Kummissarju mħarrek, fl-indirizz “Land’s End”, Flat 6, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, kien joqgħod Anthony Debono, li miet fil-mori ta’ dawn il-proċeduri ;*

*“Illi fis-16 ta’ Frar, 2010, il-Kummissarju mħarrek bagħat ittra uffiċjali għall-fini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, u talab il-ħlas ta’ tnejn u erbgħin elf, tmien mija u żewġ ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€42,802.24) ekwivalenti għas-somma ta’ tmintax-il elf, tliet mija u ħamsa u sebgħin Liri Maltin (Lm18,375). Il-kumpannija attriċi ġiet notifikata fl-indirizz tad-direttur tagħha, Mario Debono, kif jidher fuq il-Memorandum of Association tagħha, u fuq l-annual return tal-istess kumpannija tas- sena 2011;*

*“Illi fit-3 ta’ Marzu, 2010, il-kumpannija attriċi eżekutata fetħet din il-kawża”*

3. Fir-rikors promotur l-appellant talbet lill-Qorti sabiex:

*“..... jogħġobha tiddikjara u tordna illi (1) kwalsiasi notifika li allegatament saret lis-soċjeta rikorrenti bil-kont maħruġ fit-13 ta’ Ġunju 2001 hija infondata u ma hijiex valida legalment billi ma ġietx notifikata fl-indirizz reġistrat jew ai termini tal-liġi u ċioe’ almenu lid-direttur tas-soċjeta rikorrenti iżda lanqas ma għandu xejn x’jaqsam mas-soċjeta rikorrenti u ma kellux qatt x’jaqsam mas-soċjeta rikorrenti u l-istess kont ma kien ġie qatt legalment validament a konjizzjoni tas-soċjeta rikorrenti (2) konsegwentement illi l-proċedura addottata mill-intimat sabiex jikkanonizza l-allegat kreidtur tiegħu kontra s-soċjeta rikorrenti hija żbaljata, ineffikaċi u bla ebda effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, (3) konsegwentement illi ma hemm ebda ammont dovut mis-soċjeta rikorrenti lill-intimat, kuntrarjament għal dak minnu allegat – kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi u kollox isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jogħġobha timponi”*.

4. Bis-sentenza tal-14 ta’ Ġunju 2016 il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet:

*“Tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet tal-kumpannija attriċi eżekutata billi huma mistħoqqa ladarba n-notifiki mitluba mil-liġi ma sarux kif tgħid il- liġi;*

*“Tastjeni milli tqis it-tielet talba tal-kumpannija attriċi eżekutata; Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju mħarrek; u*

*“Tordna li l-Kummissarju mħarrek iħallas l-ispejjeż ta’ din il-kawża”*.

5. Fis-sentenza l-ewwel Qorti tat ir-raġunijiet li wassluha għal dik il-konklużjoni:

> *"Illi mis-sottomissjonijiet tagħha il-kumpannija attriċi tikkontesta l-mod kif saret in-notifika tal-avviż ta' rifjut li ntbgħat wara l-oġġezzjoni fuq imsemmija. B'differenza mill-Kap 12, il-Kap 364 ma jispeċifikax min għandu l-jedd illi jilqa' notifika. Fl-artikolu 61 tirreferi għall-'persuna li lilha jkun indirizzat' u li n-notifika trid issir 'fl-indirizz .. .. l-aħħar magħruf'. Fil-każ tal-lum, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-'persuna' hija l-kumpannija attriċi eżekutata minħabba li kienet hija, fl-ewwel lok, li qajmet l-oġġezzjoni għall-ewwel Avviż ta' Likwidazzjoni li bagħat il-Kummissarju imħarrek f'Awwissu tal-2000. Fl-imsemmija oġġezzjoni, il-kumpannija kienet tat ukoll l-indirizz li ħabat huwa l-istess bħall-indirizz muri fil-Memorandum tagħha . Dan, mela kien l-'indirizz l-aħħar magħruf' li fih il-Kummissarju mħarrek kien mistenni li jibgħat l-Avviżi maħruġin minnu fuq l-oġġezzjonijiet imqajma mill-kumpannija attriċi eżekutata;*
>
> *"Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrek li, jekk inhu minnu li l-Avviżi maħruġin mill-Kummissarju jintwerew li ntbagħtu fl-indirizz lilu indikati, dik toħloq preżunzjoni li tabilħaqq hekk ikun sar u li n-notifika mistennija mil-liġi tkun twettqet kif imiss . F'każ bħal dan, min jilminta li ma kienx tabilħaqq laqa' xi Avviż lilu indirizzat jew li l-proċess kien vizzjat, irid jipprova dak li jallega;*
>
> *"Illi l-Qorti, wara li fliet sewwa l-fatti miġjuba quddiemha, tqis li dawn juru li l-imħarrek kien qabel mal-kumpannija attriċi eżekutata li ma kenitx laqgħet in-notifika tal-Avviż tal-Likwidazzjoni li ntbagħtilha fl-2003.*
>
> *"Kemm hu hekk, wara li taha l-"benefiċċju tad-dubju", reġa ħareġ Avviż ta' Likwidazzjoni fil-bidu ta' Jannar tal-2005. Dan ifisser li l-Kummissarju mħarrek jagħraf li, sal-2005, il-kumpannija attriċi ma kinitx għadha ġiet notifikata kif imiss. Imbagħad, meta reġa' ittanta n-notifika tal-Avviż f'Jannar 2005, reġa ittanta l-istess żball ta' qabel. Ħareġ sewwa mix-xhieda li l-binja li fiha kellha ssir in-notifika tal-Avviżi hija magħmula minn iżjed minn appartament wieħed b'bibien għal rashom. Din il-prova ma ġiet bl-ebda mot kontradetta mill-imħarrek;*
>
> *"Illi dan kollu jfisser li, għalkemm bis-sistema ta' posta wżata (dik reġistrata) l-avviż seta' tassew wasal għand min laqgħu fi żmien jumejn mid-data tal-avviż kif jipprovdi l-artikolu 61, il-fatt illi l-persuna li laqgħet in-notifika toqgħod fit-tieni sular u ma għandha l-ebda rabta mal-kumpannija attriċi u meta l-kumpannija attriċi għandha l-uffiċju tagħha fil-pjan terran bi dħul minn bieb separat, il-Qorti mhix tal-fehma illi n-notifika saret fil-post fejn isir in-negozju, liema post il-Qorti tqis li huwa l-uffiċċju reġistrat, u dan kontra dak li jitlob li jsir l-artikolu 61 tal-Kap 364. Joħroġ ukoll li ma jistax jingħad li l-Avviż ta' Rifjut ta' oġġezzjoni ntbagħat jew intlaqa' mill-persuna li oġġezzjonat (jiġifieri, il-kumpannija attriċi eżekutata) kif irid l-artikolu 56(3) tal-Kap 364 ;*

*"Illi din il-Qorti, speċjalment f'materja teknika bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta' notifika, għandha tħares b'reqqa dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-notifiki;*

*"Illi għalhekk fis-sewwa jrid jingħad illi għalkemm jidher illi n-notifika tal-ewwel Avviż ta' Likwidazzjoni saret kif imiss, ġaladarba tressqet oġġezzjoni lill-Kummissarju mħarrek minn notifika tiegħu kif titlob il-liġi, ma jidhirx li l-kumpannija attriċi eżekutata għadha ġiet notifikata kif trid l-istess liġi bin-Notifika tal-Likwidazzjoni tal-5 ta' Jannar 2005 mill-oġġezzjoni tagħha min-naħa tal-istess imħarrek. Ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, jiġi li mingħajr tali notifika, tonqos ħolqa siewja u essenzjali tal-proċess stabbilit biex bih Avviż tal-Kummissarju jikseb is-saħħa ta' titolu eżekuttiv . Dan ifisser ukoll li l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju mħarrek taħt l-artikolu 466 ma tiswiex għaliex "quod nullum est, nullum producit effectum", għaliex joħroġ li tressqet qabel waqtha meta ma kienx għad hemm titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija attriċi eżekutata. Dan it-titolu ma jitwelidx qabel ma jkun twettaq il-proċess kollu li l-liġi tippreskrivi għall-ħolqien tiegħu"***.**

6. Fit-23 ta' Ġunju 2016 l-appellant ippreżenta rikors tal-appell u fit-13 ta' Lulju 2016 l-appellata wieġbet.

7. L-ewwel raġuni tal-appell li ressaq l-appellant hi dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-avviż ta' rifjut li bagħat ma kienx notifikat lill-appellata. F'dan l-aggravju għamel riferenza għall-Artikolu 61 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364) li japplika għall-każ in eżami u jipprovdi:

*"(1) Avviż mogħti mill-Kummissarju għall-finijiet ta' dan l-Att għandu jiġi notifikat lill-persuna li lilha jkun indirizzat jew personalment <u>jew billi jintbagħat bil-posta reġistrata fl-indirizz tan-negozju jew privat tagħha l-aħħar magħruf</u>:*

*"Iżda meta dak l-avviż ma jingħatax għax il-persuna ma tkunx tista' tinstab jew għal xi raġunijiet oħra attribwibbli għaliha u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u jistieden lill-persuna biex tmur tiġbru mid-Dipartiment, dak l-avviż għandu jitqies li jkun ġie notifikat kif imiss.*

*“ (2) Fil-każ ta’ servizz b’posta reġistrata, kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, l-avviż jitqies li ġie notifikat:*

*“ (a) fil-każ ta’ persuna li tirrisjedi f’Malta, mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jiġi impostat;*

*“ (b) fil-każ ta’ persuna li ma tkunx hekk tirrisjedi, fil-jum li jiġi wara dak li fih l-avviż kien jiġi riċevutnormalment bil-posta”.*

8. L-appellant argumenta li l-avviżi dejjem intbagħtu fl-indirizz mogħti, ċoie` l-indirizz reġistrat tal-kumpanija (Lands End, St Paul Street, San Pawl il-Baħar). Dak l-indirizz hu dak dikjarat fl-avviż li ngħata lid-Dipartiment tat-Taxxi meta fl-10 ta’ Awwissu 2000 kien ippubblikat il-kuntratt li eventwalment wassal għal din il-kwistjoni. (ara dokument a fol. 10).

9. L-appellant għamel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-24 ta’ Ġunju 2015 fl-ismijiet <u>Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Quest Limited,</u> u <u>XXX v. Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud</u> li ngħatat mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fis-16 ta’ Jannar 2014. Fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2020 ippreżenta wkoll nota ta’ riferenzi. Il-Qorti rat is-sentenzi u tosserva li l-ebda waħda minn dawk il-każijiet ma kellha ċirkostanzi bħal dawk tal-każ in eżami. Il-kwistjoni kollha f’dan il-każ hi jekk l-avviż ta’ likwidazzjoni kienet notifikata lill-kumpanija appellata skont l-Artikolu 61 tal-Kap. 364.

10. L-appellant argumenta li l-avviżi ngħataw lil Anthony Debono, iz-ziju tad-direttur tal-kumpanija appellata, u għalhekk l-avviż kien ġiet

notifikat skont l-Artikolu 187(1), (4) u 181A tal-Kap. 12 għaliex ziju hu "membru tal-familja". Madankollu l-Artikolu 61 tal-Kap. 346 ma jagħmel ebda riferenza għad-disposizzjonijiet tal-Kap.12. F'kull każ il-provi juru li Anthony Debono ma kienx jgħix ma' Mario Debono, li hu direttur tal-kumpanija appellata. Lanqas ma jirriżulta li kellu xi konnessjoni mad-direttur l-ieħor, Anthony Gauci.

11. Fl-avviż ta' likwidazzjoni datat 22 ta' Ottubru 2003 jingħad li l-avviż ta' oggezzjoni li bagħtet l-appellata ma kienx intlaqa' u l-appellant ordna li l-appellata tħallas Lm18,375 (taxxa Lm6125 u taxxa addizzjonali/penali Lm12,250). Avviż li l-appellant bagħat bil-posta reġistrata u fuq il-*pink card* hemm il-firma ta' A Debono.

12. Sussegwentement b'ittra legali datata 2 ta' Frar 2004 li l-appellata infurmat lill-appellant li Anthony Debono *"..... la huwa azzjonista, la huwa direttur u lanqas ma huwa impjegat jew għandu x'jaqsam b'xi mod mas-soċjeta` interpellata biex tħallas. Isegwi għalhekk li kwalsiasi interpellazzjoni li saret u ġiet riċevuta minnu ma għandhiex effett skond il-liġi tal-Proċedura billi ma saritx skont il-liġi"*. Pero` f'dik l-ittra saret riferenza għall-avviż ieħor datat 29 ta' Diċembru 2003, li ħadd mill-partijiet ma ppreżenta kopja tiegħu.

13. Madankollu l-istess appellant reġa' bagħat avviż ta' likwidazzjoni identiku, iżda datat 5 ta' Jannar 2005, lill-appellanti. L-irċevuta tal-posta reġistrata reġgħet kienet iffirmata mill-istess persuna.

14. Jirriżulta wkoll li Anthony Debono kien iz-ziju ta' Mario Debono li hu d-direttur tal-kumpanija appellata u kien jabita fl-appartament numru 6, Land's End, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar u miet fid-29 ta' Diċembru 2014. Min-naħa l-oħra l-appellata kellha l-uffiċċju reġistrat fil-ground floor tal-istess blokk appartamenti, fejn Anthony Debono kien jgħix ma' oħtu. Mill-provi irriżulta li Anthony Debono, iz-ziju tad-direttur tal-kumpanija Mario Debono, ma kellux x'jaqsam mal-kumpanija appellata.

15. Hu veru li hemm prova li l-avviżi datati 22 ta' Ottubru 2003 u 5 ta' Jannar 2005 intbagħtu fl-indiriżż reġistrat tal-kumpanija. Għallinqas dak hu l-indirizz fuq l-avviż ta' notifika li fuqhom iffirma Anthony Debono. Madankollu hemm dubju serju kemm dawk l-avviżi waslu fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija, meta tikkunsidra li Mario Debono xehed li Anthony Debono ma kellux x'jaqsam ma' dak l-indirizz. M'hemmx provi li Anthony Debono kellu xi konnessjoni mal-kumpanija appellanti.

16. Hu minnu li Anthony Debono qatt ma xehed fil-proċeduri sabiex jikkorabora l-verżjoni li ta Mario Debono, id-direttur tal-kumpanija appellanti. Fil-fatt jirriżulta li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri u qatt ma

nstema' għalkemm l-appellant ried iressqu bħala xhud. Min-naħa l-oħra dak li xehed Mario Debono u missieru Saviour Debono baqa' mhux kontradett.

17. Il-Qorti tal-ewwel grad kellha l-opportunita` tisma' lix-xhieda u fir-rikors tal-appell ma tressqux argumenti li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istess. Ġialadarba hemm dubji kbar kemm l-avviżi waslu fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hi ġusta.

18. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant ilmenta li s-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad hi bażata fuq preżunzjonijiet li qatt ma ġew iċċarati minħabba d-dewmien inutli fil-proċeduri li kien hemm qabel miet ix-xhud Anthony Debono.

19. Dan l-ilment hu fieragħ. Il-Qorti tiddeċiedi l-meritu tal-kawżi fuq il-provi li jkollha quddiemha u mhux fuq kemm iddum kawża. Mill-atti jirriżulta li fit-3 ta' Mejju 2011 l-appellata ddikjarat li ma kellhiex iktar provi. Anthony Debono miet fid-29 ta' Diċembru 2014. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jħarrek lix-xhud fis-seduti ta' wara, jekk kif qiegħed isostni d-deposizzjoni tiegħu kienet daqstant importanti għalih sabiex jikkjarifika ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-firma ta' Anthony Debono.

20. L-appellant kompla li irriżulta li Anthony Debono kien igħix fl-appartament numru 6 u kien iffirma iktar minn avviż wieħed. Dan hu minnu, kif hu minnu li l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija hu sempliċement Lands End, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. Irriżulta wkoll li Lands End jikkonsisti f'blokk appartamenti. Fl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-appellat m'hemmx numru. Saviour Debono xehed li l-uffiċċju tal-kumpanija qiegħed fil-groundfloor tal-blokk Land's End. Jibqa' il-fatt li minn dak li xehed Mario Debono hu evidenti li l-appartament numru 6 ma kellu x'jaqsam xejn mal-uffiċċju tal-kumpanija Wied Bufula Developments Limited.

21. Ilment ieħor tal-appellant hu li minkejja li Anthony Debono qatt ma xehed, l-ewwel Qorti *"...... għażlet li toqgħod fuq il-preżunzjoni li l-Avviż tar-Rifjut ma wasalx fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjeta appellata, minkejja l-fatt li l-appellant mexa skont il-parametri tal-artikolu 61 tal-Kap. 364"*.[1] L-ewwel qorti ma ddeċidietx il-każ fuq preżunzjoni iżda fuq il-provi, u kkonkludiet li mill-istess ma kienx jidher li l-kumpanija appellata kienet ġiet notifikata bl-avviż ta' likwidazzjoni datat 5 ta' Jannar 2005. Provi li juru li l-persuna li rċeviet l-avviż kienet tgħix f'sular differenti minn dak fejn qiegħed l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija u li l-persuna kkonċernata m'għandha l-ebda rabta mal-istess kumpanija. Kien għalhekk li l-ewwel

[1] Argument li sar ukoll fl-ewwel aggravju (ara paragrafu 18 tal-ewwel aggravju).

Qorti kkonkludiet li n-notifika ma saritx bil-mod li jitlob l-Artikolu 61 tal-Kap. 364.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr